

Ir-restawr tan-natura: il-Kunsill u l-Parlament jilħqu ftehim dwar regoli ġodda għar-restawr u l-preservazzjoni tal-ħabitats degradati fl-UE

Din l-istqarrija għall-istampa ġiet aġġornata fit-22 ta' Novembru 2023 biex tinkludi t-test tal-ftehim proviżorju.

Illum, il-presidenza tal-Kunsill u r-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew laħqu ftehim politiku proviżorju fir-rigward ta' regolament dwar ir-restawr tan-natura. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi miżuri li jirrestawraw mill-inqas 20% taż-żoni tal-art u tal-baħar tal-UE sal-2030, u l-ekosistemi kollha li jeħtieġu restawr sal-2050. Hija tagħti miri u obbligi speċifiċi li jorbtu legalment għar-restawr tan-natura f'kull waħda mill-ekosistemi elenkati - mill-ekosistemi tal-art agrikola u tal-foresti sa dawk tal-baħar, tal-ilma ħelu u urbani.

Ir-regolament huwa parti integrali mill-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030 u ser jgħin lill-UE tilħaq l-impenji internazzjonali tagħha, b'mod partikolari l-qafas globali tal-bijodiversità ta' Kunming-Montreal tan-NU maqbul fil-konferenza tan-NU tal-2022 dwar il-bijodiversità (COP15).

Il-ftehim proviżorju ser ikollu jiġi approvat u adottat formalment mill-koleġżlaturi qabel ma jidħol fis-seħħ.

Qed niffaċċaw realtà dejjem aktar drammatika: in-natura u l-bijodiversità tal-UE jinsabu fil-periklu u jeħtieġ li jiġu protetti. Jien kburiya bil-ftehim indispensabbli tal-lum bejn il-Kunsill u l-Parlament dwar liġi dwar ir-restawr tan-natura, l-ewwel waħda ta' din ix-xorta. Din ser tgħinna nibnu mill-ġdid livelli sani ta' bijodiversità fl-istati membri kollha u nippreservaw in-natura għall-ġenerazzjonijiet futuri, filwaqt li niġġieldu t-tibdil fil-klima u nibqgħu impenjati għall-għanijiet klimatiċi tagħna.

Teresa Ribera Rodríguez, it-tielet aġent viċi president tal-gvern u ministru għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-isfida demografika ta' Spanja

Kamp ta' applikazzjoni u miri tar-regolament

Ir-regoli l-ġodda ser jgħinu biex jiġu restawrati l-ekosistemi degradati fil-ħabitats tal-art u tal-baħar tal-istati membri, jintlaħqu l-għanijiet ġenerali tal-UE dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, u tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel. Ir-regolament jirrikjedi li l-istati membri jistabbilixxu u jimplimentaw miżuri biex jirrestawraw mill-inqas **20% taż-żoni tal-art u tal-baħar tal-UE sal-2030**.

Ir-regolament ikopri firxa ta' ekosistemi terrestri, kostali u tal-ilma ħelu, inkluż artijiet mistagħdra, artijiet bil-ħaxix, foresti, xmajjar u lagi, kif ukoll ekosistemi tal-baħar, inkluż il-ħaxix tal-baħar u ġlejjeb tal-isponoż u tal-qroll (elenkati fl-Annessi I u II). Dan jirrikjedi li l-istati membri jistabbilixxu miżuri, **sal-2030**, biex jirrestawraw **mill-inqas 30%** tat-tipi ta' ħabitats elenkati fiż-żewġ Annessi li huma f'kundizzjoni ħażina. Sal-2030, il-koleġżlaturi qablu li l-istati membri jeħtieġ li jipprioritizzaw is-siti ta' Natura 2000 meta jimplimentaw il-miżuri ta' restawr stipulati fir-regolament.

L-istati membri jridu jistabbilixxu wkoll miżuri biex jirrestawraw mill-inqas **60% tal-ħabitats f'kundizzjoni ħażina sal-2040** u mill-inqas **90% sal-2050**. Żdiedet flessibilità addizzjonali għal ħabitats komuni u mifruxa ħafna.

Rekwiżit ta' nuqqas ta' deterjorament

It-test jinkludi rekwiżit għall-prevenzjoni ta' deterjorament sinifikanti ta' żoni soġġetti għal restawr li jkunu laħqu kundizzjoni tajba u ta' żoni fejn iseħħu l-ħabitats terrestri u tal-baħar elenkati fl-Annessi I u II. Il-koleġżlaturi qablu li jagħmlu dan ir-rekwiżit **ibbażat fuq l-isforz**. Ir-rekwiżit ser jitkejjel fil-livell tat-tip ta' habitat.

Ir-restawr tal-pollinaturi

F'dawn l-aħħar deċennji, l-abbundanza u d-diversità tal-insetti pollinaturi selvaġġi fl-Ewropa naqsu b'mod drammatiku. Biex dan jiġi indirizzat, ir-regolament jintroduċi rekwiżiti speċifiċi għall-istati membri biex jistipulaw miżuri biex **ireġġgħu lura t-tnaqqis tal-popolazzjonijiet tal-pollinaturi** sa mhux aktar tard mill-2030. Abbażi tal-atti delegati adottati mill-Kummissjoni biex jiġi stabbilit metodu bbażat fuq ix-xjenza għall-monitoraġġ tad-diversità u l-popolazzjonijiet tal-pollinaturi, l-istati membri ser ikollhom jimmonitorjaw il-progress f'dan ir-rigward, mill-inqas kull sitt snin wara l-2030.

Obbligi speċifiċi għall-ekosistemi

Ir-regolament jistipula rekwiżiti speċifiċi għal tipi differenti ta' ekosistemi.

Ekosistemi agrikoli

It-test jirrikjedi li l-istati membri jistabbilixxu miżuri bl-għan li jilħqu xejriet dejjem jżdiedu f'mill-inqas tnejn mit-tliet **indikaturi** li ġejjin:

- l-indiċi tal-friefet tal-artijiet bil-ħaxix
- is-sehem tal-art agrikola b'karatteristiċi tal-pajsaġġ ta' diversità kbira (HDLFs)
- il-ħażna tal-karbonju organiku fil-ħamrija minerali użata fl-art tal-għelejje

Jistabbilixxi wkoll miri marbuta biż-żmien biex jiżied l-indiċi tal-għasafar komuni tar-raba' tal-biedja fil-livell nazzjonali.

Il-koleġiżturi qablu li jipprovdu flessibilità lill-istati membri għat-tixrib mill-ġdid ta' torbieri skulati, peress li xi wħud ser jiġu affettwati b'mod sproporzjonat minn dawn l-obbligi. It-test jistabbilixxi miri għar-restawr ta' 30% ta' torbieri skulati taħt użu agrikolu sal-2030, 40% sal-2040 u 50% sal-2050, għalkemm l-istati membri li huma affettwati ħafna ser ikunu jistgħu japplikaw perċentwal aktar baxx. Il-miżuri ta' restawr jinkludu t-tixrib mill-ġdid tal-ħamrija organika li tikkostitwixxi torbieri skulati, li jgħin biex tiżied il-bijodiversità u jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-koleġiżturi qablu wkoll li l-kisba tal-miri tat-tixrib mill-ġdid ma timplikax obbligu għall-bdiewa u s-sidien privati tal-art.

Ekosistemi tal-foresti

Skont it-test maqbul, l-istati membri ser ikunu meħtieġa jistabbilixxu miżuri biex itejbu l-bijodiversità tal-ekosistemi tal-foresti u jilhq u xejriet dejjem jiżiedu fil-livell nazzjonali ta' ċerti indikaturi, bħal **injam mejjet** wieqaf u mal-art u l-indiċi tal-għasafar komuni tal-foresti, b'kont meħud tar-riskju ta' nirien fil-foresti.

Il-koleġiżturi żiedu wkoll dispożizzjoni li tappella lill-istati membri biex jikkontribwixxu għat-tħawwil ta' mill-inqas **tliet biljun siġra addizzjonali** sal-2030 fil-livell tal-UE.

Ekosistemi urbani u konnettività tax-xmajjar

Għall-ekosistemi urbani, il-Kunsill u l-Parlament qablu li l-istati membri għandhom jilhq u xejra dejjem tiżied fiż-**żoni ħodor urbani** sakemm jintlaħaq livell sodisfaċenti. Huma qablu wkoll li l-istati membri għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda telf nett ta' spazju aħdar urban u kopertura urbana bis-siġra bejn id-dħul fis-seħħ tar-regolament u tmiem l-2030, ħlief jekk l-ekosistemi urbani jkollhom diġà aktar minn 45% tal-isparzu aħdar.

Il-ftehim proviżorju jinkludi obbligu għall-istati membri biex jidentifikaw u jneħħu l-**ostakli kkważati mill-bniedem għall-konnettività** tal-ilmijiet tal-wiċċ, sabiex mill-inqas 25 000 km ta' xmajjar jinbidlu fi xmajjar ġierja sal-2030, u tinżamm il-konnettività naturali restawrata tax-xmajjar.

Pjanijiet nazzjonali ta' restawr

Skont ir-regoli l-ġodda l-istati membri jridu jippreżentaw regolarment **pjanijiet nazzjonali ta' restawr** lill-Kummissjoni li juru kif ser jilhq u l-miri. Iridu jimmonitorjaw ukoll il-progress tagħhom u jirrapportaw dwaru.

Il-koleġiżturi għażu approċċ gradwali. L-istati membri l-ewwel jippreżentaw pjanijiet nazzjonali ta' restawr li jkopru l-perjodu sa Ġunju 2032, b'ħarsa ġenerali strateġika għall-perjodu wara Ġunju 2032. Sa Ġunju 2032 l-istati membri għandhom jippreżentaw pjanijiet ta' restawr għall-għaxar snin sal-2042 b'ħarsa ġenerali strateġika sal-2050, u sa Ġunju 2042 jippreżentaw pjanijiet għall-perjodu li fadal sal-2050.

It-test jippermetti li l-istati membri jqisu l-ħtiġijiet soċjali, ekonomiċi u kulturali differenti tagħhom, il-karatteristiċi reġjonali u lokali u d-densità tal-popolazzjoni, inkluż is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi, meta jistabbilixxu l-pjanijiet tagħhom.

Finanzjament ta' miżuri ta' restawr

Il-ftehim proviżorju jintroduċi dispożizzjoni ġdida li tinkariga lill-Kummissjoni bil-preżentazzjoni ta' **rapport**, sena wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament, li jkun fiħ ħarsa ġenerali lejn ir-riżorsi finanzjarji disponibbli fil-livell tal-UE, valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament għall-implimentazzjoni, u analiżi li tidentifika kwalunkwe diskrepanza fil-finanzjament. Fejn xieraq, ir-rapport ikun jinkludi wkoll proposti għal finanzjament adegwat, mingħajr preġudizzju għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (QFP, 2028–2034).

Il-koleġiżturi qablu wkoll li jintroduċu dispożizzjoni li thegġegħ lill-istati membri **jippromwovu skemi privati u pubbliċi eżistenti** biex jappoġġaw lill-partijiet ikkonċernati li jimplimentaw miżuri ta' restawr, inkluż il-manijers u s-sidien tal-art, il-bdiewa, il-forestiera u s-sajjeda. It-test jiċċara wkoll li l-pjanijiet nazzjonali ta' restawr ma jinvolvux obbligu għall-pajjiżi li jipprogrammaw mill-ġdid il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (PAK) jew tal-politika komuni tas-sajd (PKS) taħt il-QFP 2021–2027 sabiex jimplimentaw dan ir-regolament.

Rieżami u brejk ta' emerġenza

Il-ftehim proviżorju jistabbilixxi d-data tal-**2033** biex il-Kummissjoni **tirrieżamina** u tivvaluta l-applikazzjoni tar-regolament u l-impatti tiegħu fuq is-setturi tal-agrikoltura, tas-sajd u tal-forestija, kif ukoll l-effetti soċjoekonomiċi usa' tiegħu.

It-test jintroduċi wkoll il-possibilità li tiġi **sospiża** l-implimentazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet tar-regolament relatati mal-ekosistemi agrikoli għal mhux aktar minn sena permezz ta' att ta' implimentazzjoni, f'każ ta' avvenimenti imprevedibbli u eċċezzjonali barra mill-kontroll tal-UE u b'konsegwenzi severi madwar l-UE kollha għas-sigurtà tal-ikel.

Il-passi li jmiss

Il-ftehim proviżorju issa ser jiġi ppreżentat lir-rappreżentanti tal-istati membri fil-Kunsill (Coreper) u lill-kumitat ambjentali tal-Parlament għall-approvazzjoni. Jekk approvat, it-test imbagħad irid jiġi adottat formalment miż-żewġ istituzzjonijiet wara reviżjoni legali lingwistika, qabel ma jkun jista' jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE u jidħol fis-seħħ.

Kuntest

Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet liġi dwar ir-restawr tan-natura fit-22 ta' Ġunju 2022, skont l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030, li hija parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew. Aktar minn 80% tal-habitats Ewropej jinsabu f'qagħda ħażina. L-isforzi tal-passat biex tiġi protetta u ppreservata n-natura ma rnexxihomx ireġġgħu lura din ix-xejra inkwetanti.

Din hija r-raġuni għaliex għall-ewwel darba, il-proposta għandha l-għan li tadotta miżuri mhux biss biex tiġi ppreservata iżda biex terġa' tiġi restawrata n-natura. Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb l-istat tan-natura billi tistabbilixxi miri u obbligi li jorbtu f'firxa wiesgħa ta' ekosistemi fuq l-art u fil-baħar.

L-istati membri jkollhom jistabbilixxu miżuri ta' restawr effettivi u bbażati fuq l-erja sabiex jilhqgħu l-miri speċifiċi għall-ekosistema. Sabiex jivvalutaw il-miżuri, l-istati membri jkollhom jippjanaw minn qabel billi jiżviluppaw pjanijiet nazzjonali għar-restawr tan-natura, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' xjenzjati, mal-partijiet ikkonċernati interessati u mal-pubbliku. Il-proposta tiddefinixxi wkoll l-indikaturi tal-bijodiversità biex jitkejjel il-progress.

Il-Kunsill laħaq ftehim ("approċċ ġenerali") dwar il-proposta fl-20 ta' Ġunju 2023 fil-laqgħa tal-Kunsill Ambjent, filwaqt li l-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fit-12 ta' Lulju.

- [Test tal-ftehim proviżorju dwar ir-regolament dwar ir-restawr tan-natura](#)

Din ir-riżorsa bħalissa hi disponibbli biss bil-lingwa jew il-lingwi li ġejjin:

[EN](#)

- [Approċċ ġenerali tal-Kunsill għal-liġi dwar ir-restawr tan-natura](#)
- [Restawr tan-natura \(informazzjoni ġenerali\)](#)
- [Bijodiversità: kif l-UE tippoteġi n-natura \(informazzjoni ġenerali\)](#)
- [Patt Ekoloġiku Ewropew \(informazzjoni ġenerali\)](#)

[F'liema stat tinsab in-natura fl-UE? \(Infografika\)](#)

F'liema stat tinsab in-natura fl-UE? (Infografika)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press